

**Informazzjoni dwar is-segwitu għall-ilmenti rregistrați bin-numru ta' referenza  
CHAP(2013)01917**

(Biex tikkonsulta l-informazzjoni inkluża f'komunikazzjoni preċedenti ara [n-Notifika ta'](#), [Informazzjoni tal-ilment multiplu CHAP\(2013\)01917<sup>1</sup>](#))

**Is-sentenza tal-QĠUE tad-19 ta' Marzu 2020 dwar il-kawżi konġunti C-103/18, Sanchez Ruiz, u C-429/18, Fernandez Alvarez**

F'din is-sentenza reċenti l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ċċarat, fost l-oħrajn, li:

Il-Klawżola 5 tal-Ftehim Qafas dwar xogħol għal terminu fiss anness mad-Direttiva 1999/70/KE trid tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi l-leġiżlazzjoni u l-ġurisprudenza nazzjonali li jipprovd li t-tiġdid suċċessiv ta' relazzjonijiet ta' impieg għal terminu fiss huwa ġġustifikat għal “raġunijiet oġġettivi”, fis-sens tal-paragrafu 1(a) ta' dik il-Klawżola, għas-sempliċi raġuni li dak it-tiġdid jissodisfa r-raġunijiet għar-reklutaġġ koperti minn dik il-leġiżlazzjoni, jiġifieri raġunijiet ta' neċċessità, ta' urġenza jew ta' żvilupp ta' programmi ta' natura temporanja, awżiljarja jew straordinarja, sa fejn tali leġiżlazzjoni u ġurisprudenza nazzjonali ma tipprekludix lill-persuni li jimpiegaw ikkonċernati milli permezz ta' tali tiġdid, fil-prattika, jissodisfaw il-bżonnijiet għal persunal fiss u permanenti<sup>2</sup>.

Madankollu, huma l-qrati nazzjonali li għandhom jevalwaw, skont ir-regoli kollha applikabbli fid-dritt nazzjonali, jekk l-organizzazzjoni ta' proċeduri tal-għażla intiżi sabiex jimlew b'mod definitiv pożizzjonijiet okkupati fuq bażi temporanja b'ħaddiema impiegati fil-kuntest ta' relazzjonijiet ta' impieg għal terminu fiss, il-konverżjoni tal-istatus ta' dawk il-ħaddiema għal status ta' “ħaddiema mhux permanenti għal żmien indefinite” u l-ġhoti lil dawk il-ħaddiema ta' kumpens ekwivalenti għal dak imħallas f'każ ta' tkeċċija inġusta jikkostitwixxu miżuri adegwati għall-finijiet tal-prevenzjoni u, jekk ikun il-każ, tal-penalizzazzjoni ta' abbużi li jirriżultaw mill-użu ta' kuntratti jew relazzjonijiet suċċessivi ta' impieg għal terminu fiss, jew miżuri legali ekwivalenti, fis-sens ta' dik id-dispożizzjoni<sup>3</sup> [il-Klawżola 5(1) tal-Ftehim Qafas].

**Sitwazzjoni attwali**

Fit-6 ta' Ġunju 2020, il-Ministru għall-Politika Territorjali u l-Funzjoni Pubblika, Carolina Darias, ħabbret<sup>4</sup> it-tnedija ta' proċess għat-tħejjija ta' emendi futuri fit-*Texto Refundido del Estatuto del Empleado Público* biex tiġi mmodifikata ir-regolamentazzjoni attwali ta' impiegati għal terminu fiss li jaħdmu fis-settur pubbliku f'konformità mal-liġi tal-UE kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE.

Il-Kummissjoni qed issegwi l-proċess leġiżlattiv mill-qrib sabiex tivvaluta l-konformità ta' emendi futuri mal-Ftehim Qafas u l-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti. Il-proċedura ta' ksur 2014/4334 rigward l-inkompatibbiltà potenzjali tad-dritt nazzjonali Spanjol mal-Klawżola 5 tal-Ftehim Qafas tibqa' miftuħha.

Dawk kollha li jkunu bagħtu lment se jinżammu infurmati permezz ta' dan is-sit web<sup>5</sup> dwar ir-riżultati tal-investigazzjoni tal-Kummissjoni.

<sup>1</sup> [https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/file\\_import/information-notice-multiple-complaint-chap-2013-01917\\_mt.pdf](https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/file_import/information-notice-multiple-complaint-chap-2013-01917_mt.pdf)

<sup>2</sup> Il-parti operattiva tas-sentenza, il-paragrafu 2).

<sup>3</sup> Il-paragrafu 106 tas-sentenza.

<sup>4</sup> <https://www.lamoncloa.gob.es/serviciosdeprensa/notasprensa/territorial/Paginas/2020/040620-darias.aspx>

<sup>5</sup> <https://ec.europa.eu/info/about-european-commission/contact/problems-and-complaints/how-make-complaint->

